MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 879/2003/1

**Il-Kurunell Dottor Raymond Bencini, Alfrida Naudi, Denise Iuersheri, Laura Spiteri, Mabel Azzopardi Bencini,**
**Grace Aquilina, Angela Bencini, Dottor Austin Bencini,**
**Adrian Bencini, Godwin Bencini, Dottor Leon Bencini, Edward Bencini, Pamela Vukovic, Geoffrey Pisani Bencini,**
**kif ukoll l-istess Adrian Bencini, Edward Bencini u Geoffrey Pisani Bencini ghan-nom u fl-interess ta' Moira Bowland, Marlene Zammit Bonett u ta' Giuletta D'Antonio, Roberto Mifsud,**
**u Rodolfo Mifsud, assenti minn dawn il-gzejjer**

**v.**

**Mario, Antoinette mart id-dentista Dottor Raymond Zammit, Joseph, Jeanine mart Francis sive Frank Sciberras u Jacqueline mart Albert Farrugia ahwa Grungo**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Awwissu, 2003 l-atturi ppremettew illi huma kienu l-eredi taz-zija taghhom Lilian Grungo li mietet intestata u bla wlied fit-3 ta' Lulju 1998, Dok. A, B, C, u l-konvenuti kienu neputijiet u werrieta ta' Joseph Grungo li miet fit-13 ta' Awwissu 1999; illi l-awtrici tal-atturi kienet wirtet in-nuda proprjeta` esklussiva tal-fond numru hamsa (5) "La Fiorentina" fi Triq Lord Strickland, Attard, minghand iz-zija taghha Beatrice Borg, bid-dritt tat-tgawdija favur iz-zewg konjugi Grungo; illi fit-termini tal-Artikolu 633A tal-Kapitolu 16 (Artikolu emendat bl-Att XXI tal-1993) kien inghata d-dritt ta' abitazzjoni lis-superstiti mill-konjugi, anke jekk id-dar kienet proprjeta` tal-konjugi li gie nieqes jew nieqsa; mentri d-dritt ghall-wirt ta' nofs il-proprjeta` tal-mejjet (jew mejta) favur is-superstiti ma jinkludix id-dar soggetta ghad-dritt ta' abitazzjoni mis-superstiti – Artikolu 826 (1) (a) u (b) tal-Kapitolu 16; illi, illegalment, il-konvenuti kienu qed jippretendu li huma kienu proprjetarji ta' nofs indiviz tal-fond, billi jallegaw li l-awtur taghhom Joseph Grungo wiret dan is-sehem minghand martu Lilian Grungo, billi din kienet mietet intestata u bla wlied (protest taghhom ipprezentat mac-citazzjoni u mmarkat Dok. D u kontro-protest Dok. E); illi l-atturi kienu proprjetarji tal-fond kollu fuq imsemmi, u l-konvenuti ma kellhom l-ebda sehem mill-istess proprjeta`.

Dan premess l-atturi talbu li dik il-Qorti:

Tiddikjara li huma l-proprjetarji tal-fond numru 5 "La Fiorentina" fi Triq Lord Strickland, Attard u li l-konvenuti

bhala eredi ta' Joseph Grungo m'ghandhom l-ebda sehem mill-istess proprjeta`.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-kontro-protest tal-10 ta' Settembru, 1999; u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fid-29 ta' Jannar, 2004 (fol. 19) il-konvenuti eccepew:
"1. Illi in linea preliminari, il-konvenut Joseph Grungo kien jinsab assenti minn dawn il-gzejjer u kien innomina lill-konvenuta Antoinette Zammit skond prokura li tidher f'ismu (Dok. A);

"2. Illi in vista tal-assenza tal-atturi Moira Bowland, Marlene Zammit Bonett u ta' Giuletta D'Antonio, Roberto Mifsud, kienu jridu jidhru l-prokuraturi taghhom bhala legittimi rapprezentanti skond il-ligi;

"3. In linea preliminari n-nullita` tad-dikjarazzjoni prezentata mac-citazzjoni u konsegwentement l-istess citazzjoni stante li m'hemm hadd indikat illi kien ikkonferma bil-gurament;

"4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi kienu jridu jippruvaw li huma l-allegati u unici eredi ta' Lilian Grungo;

"5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, it-talba attrici kienet infondata fil-meritu u fid-dritt u kellha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-awtur tal-konvenuti ossija Joseph Grungo kien wiret b'mod intestat minghand martu n-nofs indiviz tal-istess proprjeta` u per konsegwenza, l-odjerni konvenuti bhala successuri tieghu skond it-testment fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel tal-ewwel (1) ta' Gunju, tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1998) (Dok. B), kienu proprjetarji tan-nofs indiviz tal-istess fond;

"6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

B'sentenza moghtija fil-11 ta' Ottubru, 2006 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza bil-mod segwenti:
"In vista tal-prokuri prezentati fil-15 ta' Marzu, 2004 it-tieni eccezzjoni m'ghadhiex applikabbli.

"Dwar it-tielet eccezzjoni tan-nullita` tad-dikjarazzjoni prezentata mac-citazzjoni u konsegwentement li l-istess citazzjoni stante li m'hemm hadd indikat illi kkonferma bil-gurament, jirrizulta mit-timbru li d-dikjarazzjoni giet mahlufa minn Jeffrey Pisani Bencini, u ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

"Dwar ir-raba' eccezzjoni li l-atturi jridu jipprovaw li huma l-allegati u unici eredi ta' Lilian Grungo dan jirrizulta mid-dokumenti ezibiti u ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

"Izda ghall-motivi fuq imsemmija l-Qorti tilqa' l-hames eccezzjoni tal-konvenuti.

"Spejjez tliet kwarti [3/4] ghall-atturi u kwart [1/4] ghall-konvenuti."

U dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet.
"Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi li fiha ssemma li l-atturi kienu l-eredi taz-zija taghhom Lilian Grungo li mietet intestata u bla wlied fit-3 ta' Lulju 1998, u l-konvenuti kienu neputijiet u werrieta ta' Joseph Grungo li miet fit-13 ta' Awwissu 1999. Illi l-awtrici tal-atturi kienet werrieta in-nuda proprjeta` esklussiva tal-fond numru hamsa (5) "La Fiorentina" fi Triq Lord Strickland, Attard, minghand iz-zija taghha Beatrice Borg, bid-dritt tat-tgawdija favur iz-zewg konjugi Grungo. Illi fit-termini tal-Artikolu 633A tal-Kapitolu 16 (Artikolu emendat bl-Att XXI tal-1993) inghata d-dritt ta' abitazzjoni lis-superstiti mill-konjugi, anke jekk id-dar kienet proprjeta` tal-konjugi li gie nieqes jew nieqsa; mentri d-dritt ghall-wirt ta' nofs il-proprjeta` tal-mejjet (jew mejta) favur is-superstiti ma jinkludiex id-dar soggetta ghad-dritt ta' abitazzjoni mis-superstiti – Artikolu 826 (1) (a) u (b) tal-Kapitolu 16. Illi, illegalment, il-konvenuti qed jippretendu li huma proprjetarji ta' nofs

indiviz tal-fond, billi jallegaw li l-awtur taghhom Joseph Grungo wieret dan is-sehem minghand martu Lilian Grungo, billi din mietet intestata u bla wlied. Illi l-atturi kienu proprjetarji tal-fond kollu fuq imsemmi, u l-konvenuti m'ghandhom l-ebda sehem mill-istess proprjeta`.

“Gie pprezentat affidavit ta' Geoffrey Pisani Bencini li fih intqal li hu wiehed mill-atturi u ommu Connie Bencini kienet oht Lilian Grungo. Semma li flimkien ma' l-atturi l-ohra, ahwa jew kugini jigu neputijiet ta' Lilian Grungo. Qal li zijtu Lilian kienet mizzewga ma' Joseph Grungo u ma kellhomx tfal u li mietet bla testment fit-3 ta' Lulju 1998. Qal li peress li l-genituri taghha u hutha kollha mietu qabilha, huma l-atturi wirtuha. Semma li zewgha Joseph kien miet fit-13 ta' Awwissu 1999 b'testment tat-28 ta' Mejju 1998 ippubblikat minn Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel u kien innomina bhala eredi universali tieghu lill-hames konvenuti.

“Qal li l-konjugi Grungo kienu jghixu fid-dar 5, La Fiorentina, Triq Lord Strickland, Attard liema dar kienet proprjeta` taz-zija ta' Lilian Grungo cioe` Beatrice Borg fejn din halliet in-nuda proprjeta` liz-zija taghha Lilian Grungo u halliet id-dritt ta' tgawdija favur iz-zewg konjugi Grungo flimkien. Semma hemm divergenza bejn iz-zewg nahat, u skond huma l-posizzjoni taghhom hi dik indikata mill-ligi waqt li l-konvenuti qed jippretendu li billi l-awtur taghhom, iz-ziju Joseph, billi miet wara martu li mietet intestata, hu wiret nofs il-proprjeta` kollha taghha.

"Semma li l-konvenuti qed jippretendu li wirtu nofs id-dar mentri fl-opinjoni taghhom, in-nofs li jiret ir-ragel f'kaz ta' koppja bla tfal u bla axxendenti ma tinkludiex id-dar soggetta ghad-dritt ta' abitazzjoni. Semma li saru diversi inkontri bejn il-partijiet izda sfortunatament ma ntlehaq l-ebda ftehim.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti li fiha ssemma li l-konvenut Joseph Grungo jinsab assenti minn dawn il-gzejjer u ghandu lill-konvenuta Antoinette Zammit debitament awtorizzata skond prokura li tidher f'ismu. Illi in vista tal-assenza tal-atturi Moira Bowland, Marlene

Zammit Bonett u ta' Giuletta D'Antonio, Roberto Mifsud; irid jidher il-mandatarju taghhom skond il-ligi bhala l-legittimi rapprezentanti. Illi l-atturi jridu jipprovaw li huma l-allegati u l-unici eredi ta' Lilian Grungo. Illi fit-3 ta' Lulju 1998, mietet intestata u minghajr dixxendenti Elena Margherita sive Lilian Grungo mart il-mejjet Spizjar Joseph Grungo bint il-mejjet Roberto Bencini u Gemma nee' Pellegrini li kellha l-karta tal-identita` bin-numru 3020(M). Illi fit-13 ta' Awwissu 1999 miet testat Joseph Grungo, mizzewweg lill-Elena Margherita sive Lilian Grungo nee` Bencini, bin il-mejtin Emmanuele u Eugenia nee` Chapelle li kellu l-karta tal-identita` bin-numru 548612(M). Joseph Grungo skond l-ahhar testment tieghu fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel tal-1 ta' Gunju 1998, kien innomina lill-atturi bhala l-eredi universali tieghu. Illi Joseph Grungo kien iddispona fl-ahhar testament tieghu b'titolu ta' legat a favur tal-konvenuti proprjeta` parafernali, liema proprjeta` mhux qed tinghadda lilhom minhabba l-oppozizzjoni tal-atturi. Il-mejjet Spizjar Joseph Grungo flimkien ma' martu Lilian kienu wkoll legatarji ta' Beatrice Borg, fejn fost ohrajn hallietilhom konjuntivament anke l-usufrutt tal-Proprjeta` mmobbli, maghrufa bhala "La Fiorentina", li tinsab fi triq it-twila, H'Attard, u dan skond t-testment taghha tat-12 ta' Mejju 1971. Illi fl-istess testament il-mejta Beatrice Borg halliet ukoll in-nuda proprjeta` lil Lilian Grungo. Mal-mewt ta' Lilian Grungo, Joseph Grungo ezercita` d-dritt li jiret b'titolu ta' proprjeta` assoluta nofs il-proprjeta` ta' martu kif tixhed ukoll id-dikjarazzjoni 'causa mortis' fl-atti tan-Nutar Dottor Spiteri Maempel, tal-5 ta' Novembru 1998. L-Artikolu 633 A ma kienx japplika ghad-decujus Joseph Grungo. It-talba attrici hija infondata fil-meritu u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-awtur tal-konvenuti ossija Joseph Grungo wiret b'mod intestat minghand martu n-nofs indiviz tal-istess proprjeta` u per konsegwenza, l-odjerni konvenuti bhala successuri tieghu skond it-testment tieghu huma proprjetarji tan-nofs indiviz tal-istess fond.

"Gie prezentat affidavit ta' Mario Grungo li fih intqal li hu u l-konvenuti l-ohra jigu n-neputijiet ta' Joseph Grungo. Semma li fit-3 ta' Lulju 1998 Lilian Grungo mietet intestata

u Joseph Grungo gie nfurmat mill-avukat tieghu Dr. Pawlu Mallia li kien wiret nofs il-proprjeta` ta' martu inkluza l-proprjeta` "Villa Fiorentina", Attard, ghamel id-dikjarazzjoni Causa mortis u hallas it-taxxa tal-wirt fuq il-proprjeta`. Qal li Joseph Grungo kellu d-dritt ta' usufrutt fuq il-proprjeta`, skond it-testment tal-proprjetrici precedenti Beatrice Grungo, l-atturi ghamlu diversi tentattivi biex jevakwawh mid-dar u jghaddilhom ic-cavetta.

"Semma li fit-13 ta' Awwissu 1999 miet Joseph Grungo u hu flimkien ma' hutu kienu nominati eredi universali u kien hallilhom xi prelegati. Peress li Joseph Grungo kien wiret nofs il-proprjeta` ab-intestato ta' martu u sussegwentement huma kienu wirtuh u huma ghalhekk ghamlu dikjarazzjoni causa mortis u hallsu t-taxxa relevanti. Qal li ghalkemm wirtu proprjeta` ta' Joseph Grungo l-atturi ghadhom jostakolaw li jiehdu l-pussess taghha minghajr ebda raguni. Semma wkoll li l-atturi kienu hadu wkoll il-pussess ta' proprjeta` mobbli u dan minghajr il-kunsens taghhom. Qal li huma ssuggerew li jinhatar depozitarju izda l-konvenuti ma kkoperawx. Semma li kien impossibli li jintlahaq qbil ma' l-atturi ghax ma riedux jghaddulhom dak li kien taghhom bi dritt. Qal li huma ma hadu xejn mill-proprjeta` tal-konjugi Grungo.

"Illi l-atturi talbu li jigu dikjarati proprjetarji tal fond numru hamsa (5) "La Fiorentina" fi Triq Lord Strickland, Attard, stante li huma l-eredi taz-zija taghhom Lilian Grungo peress li din tal-ahhar kienet wirtet in-nuda proprjeta` tal-imsemmi fond. Il-konvenuti ecceppew li t-talba attrici hija nfondata fil-mertu u fid-dritt stante li Joseph Grungo wiret nofs indiviz tal-istess proprjeta` minghand martu Lilian Grungo, u ghalhekk huma bhala eredi tieghu ghandhom dritt ghan-nofs is-sehem tal-proprjeta` msemmija.

"Irrizulta li bit-testment li ghamlet Beatrice Borg, hija halliet in-nuda proprjeta` tal-villa hawn fuq imsemmija lin-neputija Lilian Grungo, kif ukoll hija nnominat lill-konjugi Joseph u Lilian Grungo legatarji tal-uzufrutt kongunt tal-proprjeta` hawn imsemmija (a fol 38 tal-process). Irrizulta wkoll li Lilian Grungo mietet intestata u minghajr ulied fit-3 ta'

Lulju 1998. Illi fit-13 ta' Awwissu 1999 miet Joseph Grungo u fl-ahhar testment tieghu dak tal-1 ta' Gunju 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel (a fol 27-29) huwa halla lill-konvenuti bhala eredi universali tieghu. Illi l-konvenuti pprezentaw protest gudizzjarju (a fol 8-9) fejn intqal li d-dikjarazzjoni 'causa mortis' wara l-mewt ta' Lilian Grungo fejn l-atturi semmew li huma proprjetarji assoluti tal-imsemmija proprjeta` tmur kontra d-dikjarazzjoni 'causa mortis' li kien ghamel Joseph Grungo. Ghal dan il-protest, l-atturi pprezentaw kontro-protest (a fol 10-11).

"L-atturi sostnew li, fil-kaz ta' koppja bla tfal, meta wiehed minnhom imut, is-superstiti jinghata d-dritt ta' abitazzjoni tad-dar matrimonjali. Izda kompla jigi affermat li peress li l-villa msemmija bhala d-dar matrimonjali taghhom wirtitha Lilian Grungo minghand iz-zija taghha, din kienet proprjeta` parafernali taghha, izda s-sitwazzjoni ta' Joseph Grungo mhix koperta bil-ligi u ghalhekk meta wiret nofs il-proprjeta` ta' martu, ma jfissirx li wiret ukoll id-dar matrimonjali, imma d-dar kienet biss soggetta ghad-dritt ta' abitazzjoni tas-superstiti. Dan gie argumentat a bazi ta' dak li jipprovdu l-Artikoli 633A, flimkien ma' l-Artikolu 826(1) (a) u (b) tal-Kodici Civili.

"L-Artikolu 633A (1) [li kien jitkellem fuq is-successjoni b'testment] kien ighid hekk:

"Min jibqa' haj mill-mizzewgin ikollu jedd li jabita fil-post li jkun jintuza bhala residenza principali ta' dak li jibqa' haj meta tmut il-parti l-ohra, meta dak il-post ikun proprjeta` assoluta ta' jew mizmum b'enfitewsi mill-parti li tmut jew wehedha jew flimkien ma' min jibqa' haj."

"U l-artikolu 826(1)li kien jitkellem fuq is-successjoni ab intestato] kien jiddisponi hekk:

"Jekk il-persuna li tmut ma thallix warajha tfal jew dixxendenti bhal dawk imsemmija fl-artikolu 631, min jibqa' haj ikollu dritt ghall-jedd ta' abitazzjoni msemmi fl-artikolu 633A, u dwar il-beni tal-persuna li tmut li ma jkunux suggetti ghal dak il-jedd ta' abitazzjoni –"

"(a)….

"(b) jekk il-persuna li tmut ma thallix warajha tfal illegittimi kif intqal qabel, izda thalli warajha axxendenti, jew ahwa jew id-dixxendenti taghhom, min jibqa' haj mill-mara u r-ragel ikollu jedd ghan-nofs tal-proprjeta` tal-mejjet bi proprjeta` assoluta."

"Qabel xejn ghandu jigi rilevat li l-ligi applikabbli kienet dik li kienet tezisti meta mietu l-konjugi Grungo u dik hi li giet ikkwotata. It-tezi tal-atturi hija li din il-kwistjoni hija regolata bil-ligi anke permezz tal-emenda tal-Att XXI tal-1993, fejn is-superstiti f'koppja bla tfal inghata d-dritt ta' abitazzjoni fid-dar permezz tal-Artikolu 633A tal-Kap 16. U li skond l-Artikolu 826(1) (a) u (b), id-dritt ghall-wirt ta' nofs il-proprjeta` tad-decujus favur is-superstiti ma jinkludix id-dar soggetta ghad-dritt ta' abitazzjoni.

"Illi hawnhekk ta' min ighid li l-legislatur permezz tal-emendi tal-Att XXI tal-1993, ried jassigura d-dritt ta' abitazzjoni lil dak il-konjugi li jibqa' haj. Il-legislatur ried jevita t-trauma ulterjuri lis-superstiti li barra dak li ghadda minnu bit-telfa tal-konjugi ma jkollux problema ohra bit-telfa tar-residenza tieghu. L-ghan tal-legislatur kien li jipprotegi lis-superstiti milli jigi zgumbrat mill-proprjeta`.

"Fil-kaz in ezami, il-konjugi Grungo kellhom l-uzufrutt kongunt hekk kif hemm imnizzel proprju fit-testment li halliet Beatrice Borg (a fol 37-38). Ghalhekk, din is-sitwazzjoni hija kemmxejn differenti minn dik enuncjata fl-artikolu 633A tal-Kap 16 u dan peress li Joseph Grungo kellu d-dritt li jibqa' joqghod fil-fond ghax kienet proprju l-volonta` tat-testatrici Beatrice Borg, u mhux biss a tenur tal-artikolu 633A. Joseph Grungo kellu l-legat tal-uzufrutt. Ghalih ma applikax biss id-dispost tal-artikolu 633A dwar l-abitazzjoni ghax kellu jedd superjuri. L-atturi jsostnu l-oppost [ara fol 66]. Izda din il-Qorti thoss li jekk il-legislatur ried li jivvantagga lis-superstiti ma jistax dan jinghata biss id-dritt ta' abitazzjoni meta fil-fatt kellu l-uzufrutt. Hu ma wiritx id-dritt tal-abitazzjoni minhabba l-legat tal-uzufrutt. Bl-istess mod il-legislatur ma riedx

inaqqas id-drittijiet tas-superstiti dwar proprjeta` li jakkwista s-superstiti mall-mewt tal-konjugi.

“Joseph Grungo ma ezercitax u ma ssoggetax il-proprjeta` imsemmija ghall-jedd ta’ abitazzjoni imsemmi fl-artikolu 633 A u dan ghax certament ma kienx jaqbillu li jirrestringi d-dritt tal-uzufrutt li wiret minghand Beatrice Borg ghal dritt ta’ abitazzjoni.

“Issa l-Qorti sejra tezamina l-artikoli 633 A (1) u (4) u 633. Fl-artikolu 633 (4) kien jinghad li fic-cirkostanzi msemmija fl-artikolu 633 [li fin-nuqqas ta’ tfal jew dixxendenti skond l-artikolu 631 is-superstiti ghandu l-jedd ghall-kwart tal-beni fi propjeta` shiha] il-jedd imsemmi fis-subartikolu (1) [jedd li jabita] jkun b’zieda mal-jedd tal-parti li tibqa’ hajja moghti bl-imsemmi artikolu 633.  Din hija speci ta’ legittima tal-konjugi superstiti.  Dak li jipprovdi l-artikolu 826 dwar is-successjoni ab intestato  kien jaghti d-dritt lil Joseph Grungo ghal nofs il-propjeta’ ghax dan is-sehem jista’ jkun biss aktar mill-legittima u mhux anqas.

“Fil-mument tal-mewt ta’ Beatrice Borg, il-konjugi Grungo bejnithom kellhom it-totalita` tal-propjeta` tad-dar residenzjali principali taghhom.  Joseph Grungo wiret in-nofs tal-proprjeta` ta’ martu minghajr l-eskluzjoni tad-dar matrimonjali.  Meta fit-13 ta’ Awwissu 1999 miet testat Joseph Grungo gie applikabbli l-ahhar testment tieghu fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel tal-1 ta’ Gunju, 1998 fejn huwa nnomina bhala eredi universali tieghu lill-konvenuti.  B’hekk in-nofs li kien wiret hu ghadda ghand il-konvenuti.”

**<u>L-appell tal-atturi</u>**

L-atturi hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b’rikors intavolat fis-27 ta’ Ottubru, 2006 talbu li din il-Qorti tirriforma d-decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta’ Ottubru, 2006 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi jigu michuda l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tigi milqugha t-talba attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

Il-konvenuti pprezentaw risposta fejn iddikjaraw li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u li, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell tal-atturi ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-atturi appellanti.

**Ikkunsidrat:**

F'dawn il-proceduri l-atturi qed jitolbu li l-Qorti tiddikjara li, bhala eredi ta' Lilian Grungo, huma proprjetarji assoluti tal-fond numru 5, La Fiorentina, fi Triq Lord Strickland, Attard u li l-konvenuti, bhala eredi ta' Joseph Grungo, m'ghandhom l-ebda sehem mill-istess proprjeta`.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma ben riportati fis-sentenza appellata, biss fil-qosor jinghad li Lilian Grungo, mart Joseph, kienet wirtet in-nuda proprjeta` tal-fond mertu tal-kawza minghand iz-zija taghha Beatrice Borg in forza ta' testment tat-12 ta' Mejju, 1971. Apparti l-laxxitu imsemmi, l-istess testatrici kienet ukoll halliet l-uzufrutt konguntiv tal-imsemmi fond lill-konjugi Grungo, u cioe` lill-imsemmija Lilian u zewgha Joseph. Dan il-fond kien jintuza bhala r-residenza principali tal-konjugi Grungo. Lilian Grungo mietet, bla testment, fit-3 ta' Lulju, 1998 u wirtuha l-atturi. Mal-mewt ta' martu, Joseph Grungo kien ghamel dikjarazzjoni '*causa mortis*' fejn iddikjara li huwa kien wiret skond il-ligi nofs indiviz tal-fond imsemmi minghand martu. Joseph Grungo miet fit-13 ta' Awwissu, 1999 u skond l-ahhar testment tieghu tal-1 ta' Gunju, 1998 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel, innomina lill-konvenuti bhala eredi universali tieghu, li b'kuntratt ippubblikat min-nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel tat-3 ta' Awwissu, 2000, iddikjaraw li fost l-effetti li huma kienu wirtu minghand iz-ziju taghhom kien hemm nofs l-imsemmi fond gewwa H'Attard. Din l-allegazzjoni hija kontestata mill-atturi

L-atturi jikkontendu li, gialadarba bl-Artikolu 633A tal-Kapitolu 16 mal-mewt ta' Lilian Grungo, zewgha Joseph Grungo, bhala s-superstiti taghha, inghata d-dritt ta' abitazzjoni fir-residenza principali fejn kien jabita ma martu, il-mejta Lilian, u dan anke jekk l-istess fond kien proprjeta` assoluta tal-konjugi li giet nieqsa, din id-dar, kif

suggetta ghad-dritt ta’ abitazzjoni tal-istess Joseph Grungo, ma tifformax parti mill-assi ta’ Lilian Grungo ghal fini tal-Artikolu 826(1)(a) u (b) tal-Kap 16 li jiddisponi li jekk il-persuna li tmut ma thallix warajha tfal illegittimi izda thalli warajha axxendenti, jew ahwa jew id-dixxendenti taghhom, min jibqa’ haj mill-mara u r-ragel ikollu jedd ghan-nofs tal-proprjeta` tal-mejjjet bi proprjeta` assoluta. In effetti b’kuntratt ‘*causa mortis*’ ippubblikat fl-1 ta’ Lulju, 1999, l-atturi odjerni kienu ddikjaraw li huma proprjetarji assoluti u shah tal-imsemmija proprjeta`.

Fis-sentenza appellata nsibu li l-ewwel Qorti laqghet il-hames eccezzjoni tal-konvenuti fis-sens li Joseph Grungo wiret b’mod intestat minghand martu n-nofs indiviz tal-istess proprjeta` u per konsegwenza l-istess konvenuti, *qua* eredi tieghu, huma proprjetarji tan-nofs indiviz tal-imsemmi fond. Konsegwentement dik il-Qorti cahdet it-talba attrici.

**<u>L-aggravji tal-atturi appellanti</u>**

L-appellanti bazikament ressqu zewg aggravji kontra s-sentenza appellata; dawn huma s-segwenti:

a) l-ewwel Qorti erronjament ikkonkludiet li l-Legislatur ma riedx inaqqas id-drittijiet tas-superstiti dwar proprjeta` li jakkwista mal-mewt tal-konjugi la darba huwa kellu dritt ta’ uzufrutt; u

b) il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti dwar l-Artikolu 633 mhumiex legalment korretti.

**Ikkunsidrat:**

Qabel xejn ghandu jinghad li l-kwistjoni ta’ bejn il-kontendenti tirrisali ghall-apertura tas-successjoni ta’ Lilian Grungo li mietet intestata u li, konsegwentement, is-successjoni taghha ghandha tigi regolata bil-provvedimenti li jinsabu fis-Sub-Titolu II tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-kwezit li din il-Qorti ghandha quddiemha jikkoncerna d-drittijiet successorji ta’ Joseph Grungo, mal-mewt ta’ Lilian

Grungo, u dana billi il-konvenuti, *qua* eredi universali ta' Joseph Grungo, jippretendu li huma wirtu minghandu n-nofs indiviz tal-fond La Fiorentina, liema sehem tal-imsemmi fond l-istess Joseph Grungo, skond il-konvenuti, kien wiret minn ghand martu b'successjoni *ab intestato.*

L-Att XXI tal-1993, li emenda l-Kodici Civili, introduca l-Artikolu 633A fis-sub titolu I tat-Titolu III tat-Tieni Taqsima li jitkellem dwar successjoni b'testment, li fil-qosor, jaghti d-dritt lis-superstiti fost il-mizzewgin li jabita fil-post li jkun jintuza bhala residenza principali ta' dak li jibqa' haj meta tmut il-parti l-ohra, u dan anke meta l-imsemmi fond ikun proprjeta` assoluta ta', jew mizmuma b'enfitewsi, mill-parti li tmut. Dan id-dritt inghata ukoll lis-superstiti fost il-konjugi f'successjonijiet *ab intestato* in forza tal-Att imsemmi li emenda l-Artikolu 826 tal-Kap 16 f'dan is-sens. Infatti dan l-artikolu fis-subartikolu (1) tieghu, issa gie jaqra hekk:

"Jekk il-persuna li tmut ma thallix warajha tfal jew dixxendenti bhal dawk imsemmija fl-artikolu 631, min jibqa' haj ikollu dritt ghall-jedd ta' abitazzjoni msemmi fl-artikolu 633A……"

L-atturi jsostnu li dan id-dritt moghti lis-superstiti johrog il-fond suggett ghall-abitazzjoni mill-assi ereditarji tal-konjugi premort b'mod li kull dritt koncess lis-superstiti fuq l-istess assi ereditarji ta' dak li jmut testat, a tenur tal-Artikolu 633, u cioe` il-jedd ghall-kwart tal-beni, fi proprjeta` shiha, fl-assenza ta' ulied jew dixxendenti ohra, u l-jedd ghan-nofs indiviz tal-proprjeta` tal-mejjet bi proprjeta` assoluta, fl-assenza ta' tfal jew dixxendenti ohra, f'kaz ta' successjoni minghajr testment, ma jkunx jinkludi dan il-fond hekk suggett ghad-dritt ta' abitazzjoni. Cioe` dan il-fond jibqa' barra mill-assi li fuqhom is-superstiti jista' jirreklama d-drittijiet tieghu kif jinghad fl-artikoli imsemmija.

Din is-sottomissjoni tal-atturi tohrog u hi sorretta minn dak li jkompli jghid l-Artikolu 826(1), riprodott in parte hawn fuq, li jkompli hekk:

"u dwar il-beni tal-persuna li tmut <u>li ma jkunux soggetti ghal dak il-jedd ta' abitazzjoni</u>:

(b) jekk il-persuna li tmut ma thallix warajha tfal illegittimi kif intqal qabel, izda thalli warajha axxendenti, jew ahwa jew id-dixxendenti taghhom, min jibqa' haj mill-mara u r-ragel ikollu jedd ghan-nofs tal-proprjeta` tal-mejjet bi proprjeta` assoluta."

Mill-mod kif inhu redatt dan l-artikolu din il-Qorti hija propensa li tikkoncedi li s-sottomissjoni tal-appellanti jista' jkollha mis-sewwa billi jidher li bil-mod kif gie emendat dan l-artikolu, il-legislatur ried jelimina mill-assi ereditarji tal-konjugi premort, u li fuqu s-superstiti jkollu dritt in piena proprjeta`, dak il-fond li jkun suggett ghad-dritt ta' abitazzjoni meta jitkellem dwar il-beni tal-persuna li tmut li ma jkunux soggetti ghal dak il-jedd ta' abitazzjoni.

Dan premess, izda, din il-Qorti ma tistax, fil-kaz partikolari, tikkondividi s-sottomissjonijiet u ragunament tal-appellanti billi hawn mhux qed nitkellmu fuq dritt ta' abitazzjoni koncess lil Joseph Grungo wara il mewt ta' martu Lilian u dan in vista tal-Artikolu 826 tal-Kap 16, billi jirrizulta li l-istess Joseph Grungo kellu, <u>sa minn qabel il-mewt ta' martu, u indipendentement mill-premorjenza taghha</u>, id-dritt li jabita fil-fond imsemmi in forza tad-dritt ta' uzufrutt imholli lilu miz-zija ta' martu Lilian, u cioe` minn Beatrice Borg. Ghalhekk din il-Qorti tifhem li gialadarba l-istess Joseph Grungo kellu jeddijiet fuq il-fond imsemmi, id-dritt koncess mil-ligi bl-Artikolu 826 tal-Kap 16 ma japplikax ghal kaz tieghu billi dan id-dritt kien mahsub biex jipprotegi dak is-superstiti li minhabba l-mewt tal-konjugi l-iehor isib ruhu sprovvist minn dar ta' abitazzjoni. Dan ifisser li wiehed ma jistax jikkontempla x'kien jew ma kienx jircevi, bi dritt *ab intestato*, l-istess Joseph Grungo mill-assi ereditarji tal-mejta Lilian Grungo bl-applikazzjoni tal-Artikolu 826(1) kif emendat, u dana billi qatt ma kien hemm il-htiega li dan juzufruwixxi mid-dritt ta' abitazzjoni hemm kontemplat, u ghalhekk ghandu japplika is-subartikolu (b) tal-istess artikolu li jiddisponi li s-superstiti "*ikollu jedd ghan-nofs tal-proprjeta` tal-mejjet bi proprjeta` assoluta.*"

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, l-appell tal-atturi qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata. In

vista tan-novita` tal-kwistjoni, l-ispejjez ta’ dan l-appell jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------